Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,143, 3 ta' Novembru, 2023
Taqsima B

A.L. 260 tal-2023

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAT-TRASPORT F'MALTA (KAP. 499)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizz bid-Dgħajjes għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u Għerien tal-Viċin

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 43(1) u (3) tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, il-Ministru responsabbli għat-trasport, b'konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizz bid-Dgħajjes għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u Għerien tal-Viċin u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar in-Nollijiet għal Servizz bid-Dgħajjes għall-Għar ta' Taħt il-Ħnejja u Għerien tal-Viċin, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S 499.46.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

(3) Is-sekwenza tat-tifsir fir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandha ssegwi l-ordni alfabetika.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "biljett" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "diżabilità" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fl-Att dwar il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità;";

Kap. 627.

(b) it-tifsira "persuni bi bżonnijiet speċjali" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

"persuni b'diżabilità" tfisser kwalunkwe persuna li tipposjedi dokument ta' identifikazzjoni speċifiku jew dokumentazzjoni oħra li tagħraf din id-diżabilità;".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA
(regolament 2)
TARIFFA TAN-NOLLIJIET

Tfal taħt it-3 snin	L-ebda ħlas
Tfal minn 3 sa 10 snin	€5.00
Persuni minn 11-il sena ’l fuq	€10.00
Persuni b’diżabilità	L-ebda ħlas".

Emenda ġenerali fir-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolamenti prinċipali l-kliem "nol" u "nolijiet" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "noll" u "nollijiet" rispettivament, kull fejn jokkorru.